**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 390/2013**

**Illum: 17 ta' Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Andrew Bezzina**
**(ID 647582(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Andrew Bezzina, iben Carmelo u Rita nee` Bartolo, imwieled il-Pieta` fis-27 ta' Novembru 1982, residenti gewwa Bini Tonyage, Flat 3, Triq San Vincenz, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 647582(M):

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Awwissu 2012 ghall-habta tas-sitta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (5.45 p.m.) u granet qabel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li mhux impjegata fil-habs, il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, xi oggett li jkun, li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond il-Kap. 260, Artikolu 7(2), liema oggett jikkonsisti f'medicina li tkun medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dak barra mill-habs;

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Magistrat E. Grima LL.D. nhar l-1 ta' Novembru 2011;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta` kkundizzjonata taht osservanza tal-*probation* moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. ai termini tal-Kap. 446, Art. 7 datata 31 ta' Jannar 2012;

5. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberta` kundizzjonata moghtija mill-Qorti mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LL.D. ai termini tal-Kap. 446, Art. 22, datata 15 ta' Mejju 2012;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommajra;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb illi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kif ukoll illi mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-lum stess, il-Prosekuzzjoni irtirat it-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u dan peress illi din il-Qorti, kif diversament preseduta, permezz ta' sentenza moghtija fil-11 ta' Dicembru 2012 trattat mal-imputat dwar is-sentenza sospiza mertu tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrata Dr. Edwina Grima tal-1 ta' Novembru 2011, billi ordnat id-dhul fis-sehh tal-piena ta' prigunerija gia` sospiza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-31 ta' Awwissu 2012, fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, wara informazzjoni anonima li rcieva l-*Acting Senior Correctional Officer* Dennis Cassar, saret tfittxija gewwa c-cella numru 38, f'Divizjoni 12 okkupata mill-imputat odjern, mill-istess Cassar, CO 92 Ivan Bugeja, CO 143 Noel Buttigieg u CO 164 Sean Mallia. Waqt din it-tfittxija, fl-istess cella nstabu bicciet tal-*foil* bi tracci suspettati tracci ta' droga u karta f'forma ta' pipa. Dawn gew elevati u ezaminati mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut li gie nominat bhala espert forensiku mill-Magistrat Inkwirenti. L-imputat irrilaxxja stqarrija dakinhar stess tal-31 ta' Awwissu 2012.

Fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, xehdu l-Ufficjali tal-habs li wettqu t-tfittxija u ghamlu s-sejba msemmija. *Acting Senior Correctional Officer* Dennis Cassar xehed illi fil-jum in kwistjoni, wara li huwa rcieva nota anonima illi kien hemm id-droga eroina fic-cella numru 38, kif ukoll fuq il-persuna kkoncernata, huwa ghamel tfittixja fl-imsemmija cella ossia dik tal-imputat odjern, kif ukoll fuq il-persuna tieghu. Din tal-ahhar irrizultat fin-negattiv, fil-waqt illi fuq xkaffa fuq *cupboard* fl-istess cella, kien hemm karta tal-fidda mahruqa u zewg karti tal-fidda ohra li kellhom xi tracci b'sustanza mdewwba, liema oggetti kienu mghottija b'*magazine*. Huwa ghalhekk informa lill-pulizija b'dak li nstab u nfethet inkjesta dwar il-kaz. Jghid ukoll illi t-tfittxija saret minn CO 164, CO 92 u CO 143 fil-presenza tal-imputat odjern. Huwa gie muri l-esebit bin-numru A01666145 u kkonferma li dan kien l-istess esebit li huwa ghadda lill-pulizija in konnessjoni ma' dan il-kaz u gharaf il-firma tieghu fuq l-istess. Jghid illi l-imputat irrifjuta li jiffirma fuqu.[1] Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri, l-istess Dennis Cassar xehed illi fil-jum in kwistjoni, flimkien ma' CO 92, CO 164 u CO 143, huwa ghamel spezzjoni fic-cella 38, f'Divizjoni 12, waqt liema nstab fidda bi tracci mahsuba droga, gewwa ktieb. Jghid li nstabet *foil* wahda u li f'din ic-cella l-imputat kien jghix wahdu.[2]

Fix-xhieda tieghu fil-mori tal-inkjesta, CO 92 Ivan Bugeja xehed illi fil-jum in kwistjoni, ghall-habta tas-5.40 p.m., l-*Acting Senior Correctional Officer* Dennis Cassar ordnalhom li jaghmlu tfittxija fic-cella 38, okkupata mill-imputat odjern. Saret din it-tfittxija flimkien mal-istess Cassar, CO 164 u CO 143, fil-presenza tal-imputat odjern. Waqt li kienu qed ifittxu fic-cella, fl-ixkaffa ta' taht it-*television*, kien hemm *magazine* u taht l-istess *magazine*, kien hemm xi *foil*. Jghid illi b'kollox kien hemm tliet bicciet, wahda mahruqa u tnejn ohra mcappsin b'sustanza u maghhom kien hemm ukoll bicca *pipe* zghir. Huwa gie muri l-esebit A01666145 u kkonferma li dawn kienu l-istess oggetti li gew elevati.[3] Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-istess CO 92 jghid illi fil-*cupboard* gewwa c-cella 38, okkupata mill-imputat odjern, instabu bicca *foil* li kienet qisha mcappsa u bicca *pipe*. Jghid illi dawn instabu minn CO 143 fil-presenza tieghu.[4]

Fil-mori tal-inkjesta CO 143 Noel Buttigieg xehed illi waqt it-tfittxija fic-cella in kwistjoni, fuq l-ixkaffa ta' taht il-kompartiment tat-*television*, kien hemm *magazine* u tahtu kien hemm xi *foil*. Jghid illi kien hemm tliet bicciet *foil* li kellhom tracci allegatament ta' droga u kien hemm ukoll xi *foil* iehor li kien nadif. Huwa eleva l-*foil* bit-tracci u ghaddieha ghal izjed investigazzjoni. Huwa gie muri

---

[1] Ara x-xhieda a fol. 70 u 71 tal-process, formanti parti mill-process verbal esebit a fol. 53.
[2] A fol. 33 sa 35 tal-process.
[3] A fol. 72 u 73 tal-process.
[4] A fol. 43 sa 46 tal-process.

l-esebit A01666145 u kkonferma li dan kien l-istess esebit li gie elevat.[5] Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-istess xhud jikkonferma illi waqt it-tfittxija instabu bicciet tal-*foil*, li wahda minnhom kellha xi tracci suspettuzi, kif ukoll *pipe*, ghalkemm ma ftakarx f'liema parti tac-cella dawn kienu nstabu. Jghid illi kien hemm bicctejn *foil* zgur.[6]

Waqt l-inkjesta dwar dan il-kaz, CO 164 Sean Mallia ikkonferma illi saret l-imsemmija tfittxija fic-cella tal-imputat odjern u li fuq xkaffa taht *magazine* instabu tliet bicciet *foil*, wahda wzata u tnejn ohra bi tracci ta' sustanza allegatament droga u bicca *pipe*. Dawn l-oggetti gew elevati u mghoddija lill-pulizija ghal izjed investigazzjoni.[7] Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, ix-xhud jghid illi fic-cella in kwistjoni, li kienet okkupata biss mill-imputat odjern, waqt tfittxija, instabu xi bicctejn *foil* bi tracci u *pipe* go xi ktieb.[8]

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[9], jirrizulta illi fl-4 ta' Settembru 2012, huwa kien gie moghti dokument minghand l-Ispettur Jurgen Vella, liema dokument kien jikkonsisti f'*evidence bag* A01666145 li kien fih *envelope* kannella u li kien jikkontjeni erba' bicciet *aluminium foil* li tnejn minnhom kellhom ticpis ta' lewn kannella jew iswed u karta rrumblata forma ta' sigarett. Skont l-istess relazzjoni, fuq *swab* mehuda minn fuq zewg *aluminium foils* fl-istess dokument u fuq estratt mehud mill-karta rrumblata, instabet is-sustanza eroina. L-istess espert ikkonferma r-relazzjoni tieghu fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.[10] Dawn l-oggetti jidhru ffotografati fir-relazzjoni ta' PC 650 Justin Tabone.[11]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-Qorti fl-ewwel lok tinnota illi l-Ufficjali tal-Habs li ghamlu t-tfittxija xehdu, fil-mori ta' dawn il-proceduri, illi nstabu bicca *foil* bi tracci (skont ASCO Dennis Cassar u CO 92) jew xi bicctejn *foil* bi tracci (skont CO 143 u CO 164) u *pipe* (skont CO 92, CO 143 u CO 164), fil-waqt illi fix-xhieda taghhom fil-mori tal-inkjesta u ghalhekk *a tempo vergine*, ilkoll xehdu illi kienu nstabu tliet bicciet *foil* mahruqa jew bi tracci, apparti li CO 143, CO 164 u CO 92 jsemmu wkoll il-*pipe*. Effettivament fid-dokument mghoddi lix-Xjenzat Godwin Sammut u analizzat minnu kien hemm, apparti l-*pipe* deskritt minnu bhala karta rrumblata f'forma ta'

[5] A fol. 74 u 75 tal-process.
[6] A fol. 36 sa 39 tal-process.
[7] A fol. 76 sa 77 tal-process.
[8] A fol. 40 sa 42 tal-process.
[9] Din tinsab esebita a fol. 90 *et seq* tal-process, formanti parti mill-process verbal dwar dan il-kaz.
[10] A fol. 51 u 52 tal-process.
[11] A fol. 101 sa 105 tal-process.

sigarett, erba’ bicciet tal-*foil*, tnejn minnhom bi tracci ta’ lewn kannella jew iswed. Minkejja din id-diskrepanza bejn ix-xhieda tal-Ufficjali tal-Habs u dak li rrizulta fl-esebit mghoddi lix-Xjenzat Sammut, il-Qorti m’ghandhiex dubju illi dak li gie ezaminat mill-istess Xjenzat kien fil-fatt dak li nstab fic-cella tal-imputat. Dan ghaliex kif inghad izjed ‘il fuq, tlieta mill-erba’ Ufficjali tal-Habs involuti fit-tfittxija ossia ASCO Dennis Cassar, CO 92 u CO 143, fix-xhieda taghhom fil-mori tal-inkjesta, ilkoll ikkonfermaw u gharfu illi l-oggetti li xehdu dwarhom kienu dawk murija lilhom fl-esebit bin-numru A01666145, liema numru huwa wkoll indikat bhala n-numru tal-esebit li nghata lix-Xjenzat Godwin Sammut ghall-analizi tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi mir-relazzjoni tal-istess espert jirrizulta illi l-esebit in kwistjoni inghata lilu “*by hand*” mill-Ispettur Jurgen Vella ossia l-Ufficjal Investigatur u Prosekutur f’dan il-kaz u illi l-istess Spettur Jurgen Vella, fix-xhieda tieghu[12], jghid illi huwa mar il-habs flimkien ma’ PS 100, hekk kif gie infurmat b’din is-sejba u li l-oggetti elevati mill-Ufficjali tal-Habs gew mghoddija lill-pulizija. In oltre il-Qorti tinnota wkoll illi d-diskrepanza bejn ix-xhieda tal-Ufficjali tal-Habs, b’mod partikolari dik moghtija *a tempo vergine* fil-mori tal-inkjesta u dak li gie ezaminat mix-Xjenzat Godwin Sammut tikkonsisti biss fin-numru tal-bicciet ta’ *foil* misjuba ossia tlieta, skont ix-xhieda taghhom u erbgha fl-esebit u mhux f’dak li effettivament instab u cioe` bicciet tal-*foil* bi tracci ta’ sustanza suspettata droga u *pipe*, liema *pipe* apparti li ssemma fix-xhieda tal-Ufficjali tal-Habs ukoll kien jifforma parti mill-esebit analizzat. A bazi tas-suespost ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex dubju illi dak li gie ezaminat mill-espert huwa dak li nstab fic-cella tal-imputat odjern.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu dakinhar stess tas-sejba, wara li nghata s-solita twissija u anke d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogatorju tieghu, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx[13], l-imputat qal illi huwa kien ilu l-habs xahar u gimgha, li kien qed jinzamm fic-cella numru 38, f’Divizjoni 12 u li fic-cella kien qiehed jghix wahdu. Meta gie suggerit lilu illi aktar kmieni wara nofsinhar, il-gwardjani tal-habs ghamlu tfittxija fic-cella tieghu u sabu xi sustanza li giet murija lilu waqt l-istqarrija, u li din kienet tieghu, huwa wiegeb fl-affermattiv. Meta mistoqsi x’kienet din is-sustanza, huwa jghid “*Tafu x’inhi … ma nwegibx*”, mistoqsi ghal darb’ohra x’inhi, jghid illi ma jafx u wara “*ma nwegibx*” u meta mistoqsi jekk din kinitx l-ewwel darba li kellu d-droga eroina fil-habs, huwa wiegeb fl-affermattiv, ghalkemm ftit wara rega’ qal li ma jwegibx. Mistoqsi jghid meta kellu l-ahhar vizita, jghid illi din kienet fit-28 ta’ Awwissu 2012 ma’ missieru

[12] A fol. 62 u 108 tal-process.

[13] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 19 sa 20 u a fol. 66 sa 67 tal-process. Ara wkoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd ghall-parir legali tal-imputat, a fol. 114 tal-process.

u mistoqsi jekk xtrahiex mill-habs jew dahhalhielux xi hadd minn barra, huwa ma jwegibx, kif kellu kull dritt li jaghmel.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, ossia il-pussess tad-droga eroina fil-jum in kwistjoni u fil-granet ta' qabel gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, jirrizulta car illi l-*foil* u l-*pipe* in kwistjoni nstabu fic-cella tal-imputat, liema cella, mix-xhieda prodotta, jirrizulta li kien jokkupaha huwa biss, u ghalhekk dawn l-oggetti nstabu fil-pussess tal-istess imputat. Li c-cella kienet okkupata mill-istess imputat wahdu, tirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat stess, kif inghad izjed 'il fuq, li jikkonferma wkoll illi s-sustanza misjuba kienet tieghu. M'hemmx dubju lanqas mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut illi fuq il-*foil* u l-*pipe* misjuba fil-pussess tal-imputat, instabet is-sustanza eroina.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli bhala persuna li m'hijiex ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr awtorita` legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, oggett projbit ossia medicina perikoluza, f'dan il-kaz id-droga eroina. Mill-provi prodotti, kif inghad, jirrizulta illi l-oggetti in kwistjoni nstabu gewwa c-cella tal-imputat. Ma tirrizulta l-ebda prova illi tista' twassal lill-Qorti sal-konvinciment morali li kien l-imputat li dahhal id-droga eroina gewwa l-habs jew inkella li huwa kien komplici fid-dhul tal-istess droga fil-habs.

Ghaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll talli wettaq dan ir-reat ossia r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima fl-1 ta' Novembru 2011. Kif inghad izjed 'il fuq, il-Prosekuzzjoni rtirat din l-imputazzjoni u ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona fil-31 ta' Jannar 2012. Kopja formali ta' din is-sentenza ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tal-hames imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kundizzjonata moghtija permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Mizzi, fil-15 ta' Mejju 2012. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi tal-15 ta' Mejju 2012[14], fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs Andrew Bezzina, iben Carmelo, imwieled Pieta` fis-27 ta' Novembru 1982, karta tal-identita` numru 647582(M)'. Il-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza, inkluz in-numru tal-karta tal-identita` tieghu, huma identici ghal dawk tal-imputat odjern u ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza inghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi l-imputat instab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu f'dak il-kaz u gie *inter alia* liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446. Dan ifisser illi l-perjodu operattiv ta' din il-liberazzjoni kundizzjonata kien jiddekorri mill-15 ta' Mejju 2012 sal-15 ta' Mejju 2015 u ghalhekk ir-reat fl-ewwel imputazzjoni gie kommess proprju waqt dan il-perjodu.

Din l-imputazzjoni ghalhekk tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tas-sitt imputazzjoni, imbaghad, l-imputat inghata l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Kap. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif inghad, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja tas-sentenza mertu tal-hames imputazzjoni, datata 15 ta' Mejju 2012, liema sentenza nghatat fil-konfront tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza, l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata u gie kkundannat ghall-hlas ta' multa, apparti li gie ordnat ihallas is-somma ta' €470 lill-vittma tar-reat u giet sospiza l-licenza tas-sewqan tieghu ghal zmien tliet xhur. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius**, fejn l-appellat f'dik il-kawza kien ammetta *inter alia* ghall-addebitu tar-recidiva u dan fir-rigward ta' sentenza fejn kien tqieghed taht Ordni ta' *Probation*. Il-Qorti kkonkludiet illi la darba il-kaz ma kienx jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446[15], "*id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ... li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva*". Il-konsiderazzjonijiet legali ta' dik il-Qorti

[14] Din tinsab esebita a fol. 118 u 119 tal-process.
[15] Din l-imputazzjoni lanqas ma taqa' taht is-sitwazzjonijiet indikati f'dawn il-paragrafi.

japplikaw bl-istess mod ghal dan il-kaz, fis-sens illi d-dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-imputat permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju 2012, fejn l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata, ma tistax titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghal fini tar-recidiva u dan ai termini tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446.

Fir-rigward tal-piena ta' multa, imbaghad, irid jinghad illi l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 jirrizulta "*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha …*". Issa ghalkemm id-delitt fil-kaz odjern gie kommess fi zmien hames snin minn dakinhar li l-imputat inghata din il-piena ta' multa (permezz tas-sentenza tal-15 ta' Mejju 2012), madankollu, ma jirrizultax mill-atti, fil-grad rikjest mil-ligi, illi sad-data tal-kaz odjern, din il-piena kienet giet skontata u cioe` giet imhallsa jew skontata wara li giet konvertita f'piena ta' prigunerija jew inkella giet mahfura ai termini tal-imsemmi Artikolu 50 u ghaldaqstant, l-imputat jista' jitqies biss bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Anthony Said** tal-10 ta' Lulju 2015, fejn il-Qorti qalet hekk:

"*Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidività kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax ….*"

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll vera kopja ta' sentenza datata l-1 ta' Novembru 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima, fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jesmond Borg) vs Andrew Bezzina ta' 27 sena, bin Carmel u Rita nee`

Bartolo, imwieled Pieta` nhar is-27 ta' Novembru 1982, residenti Bini Tonyage, Flat 3, Triq San Vincenz, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita` 647582(M)'.[16] Dawn il-konnotati, inkluz in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza, huma identici ghal dawk tal-imputat odjern u ghalhekk jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi din is-sentenza inghatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Jirrizulta wkoll illi fil-kaz mertu tal-istess sentenza, l-imputat kien gie akkuzat *inter alia* talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u permezz tal-istess sentenza tal-1 ta' Novembru 2011, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9, il-Qorti estendiet is-sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin ghal erba' snin ohra, li kellhom jibdew jiddekorru minn dakinhar tas-sentenza. Dan ifisser illi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza gie estiz mill-1 ta' Novembru 2011 sa l-1 ta' Novembru 2015. In oltre permezz tal-istess sentenza, huwa gie kkundannat ukoll ghall-piena ta' multa ta' €500, liema multa setghet tithallas mill-hati f'ghoxrin rata mensili ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) il-wahda, bl-ewwel pagament isir fl-ahhar ta' Novembru 2011. Dan ifisser illi meta kkommetta r-reat odjern, ossia fil-31 ta' Awwissu 2012 u fil-jiem ta' qabel, it-terminu ghall-hlas tal-imsemmija multa kien ghadu ghaddej. F'dan ir-rigward ma ngabitx prova fil-grad rikjest mil-ligi, illi sal-31 ta' Awwissu 2012, din il-piena kienet giet mahfura jew skontata, kif spjegat izjed 'il fuq. In oltre meta gie kommess ir-reat odjern, il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, kif estiz, kien ghadu ghaddej u din is-sentenza sussegwentement dahhlet fis-sehh fil-11 ta' Dicembru 2012, wara d-data li ghaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni. Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikoli 28A(5A) tal-Kap. 9, l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv fit-termini tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, l-imputat qed jitqies bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u mhux tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti qieset fl-ewwel lok illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, kien hemm kooperazzjoni da parti tieghu waqt l-investigazzjoni, ghalkemm mhux kooperazzjoni shiha. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, kif aggornata sa Awwissu 2014, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tikkonsisti f'diversi kundanni, fosthom, dwar reati kontravvenzjonali, li kkawza griehi ta' natura hafifa, dwar pussess semplici ta' droga eroina f'izjed minn okkazzjoni wahda, serq

[16] Din tinsab esebita a fol. 120 sa 122 tal-process.

aggravat ukoll f'izjed minn okkazzjoni wahda u reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta f'diversi okkazzjonijiet.

Qieset ukoll illi ai termini tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-imputat kien prigunier fiz-zmien tal-kaz odjern, il-piena ghar-reat fl-ewwel imputazzjoni ghandha tizdied bi grad jew tnejn u d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 21 u 28A tal-Kap. 9 u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti qieset ukoll illi fil-jum in kwistjoni nstabu biss tracci tal-eroina fil-pussess tal-imputat.

Ghal fini ta' piena dwar il-hames imputazzjoni, il-Qorti tqis illi permezz tas-sentenza tal-15 ta' Mejju 2012, l-imputat kien gie akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-hin, bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.94, izda ma jeccedix is-somma ta' €2,329.37, kif ukoll talli saq vettura meta kellu l-licenza tas-sewqan sospiza u talli sar recidiv. Permezz ta' dik is-sentenza, kif inghad l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin, gie ordnat sabiex ihallas is-somma ta' €470, rapprezentanti l-valur tar-res furtiva lill-vittma tar-reat u in oltre gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' €250, apparti li l-licenza tas-sewqan tal-imputat giet sospiza ghall-perjodu ta' tliet xhur. Dan ifisser illi l-liberazzjoni kundizzjonata nghatat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ossia dik li tikkontempla s-serq aggravat u konsegwentement, il-Qorti ghandha titratta mal-imputat limitatament dwar dan ir-reat.

Il-Qorti tqis ukoll illi r-reat ta' serq aggravat, kif addebitat lill-imputat odjern fil-kaz in kwistjoni, igib piena ta' prigunerija li fil-minimu taghha hija dik ta' erbatax-il xahar u fil-massimu hija dik ta' erba' snin u dan ai termini tal-Artikoli 278(3) u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis ukoll f'dan ir-rigward ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Saviour Lia fil-konfront tal-istess imputat.[17] Minn dan ir-rapport jirrizulta illi l-imputat ghamel progress notevoli fir-rigward tal-vizzju tad-droga. Jidher illi l-imputat beda jabbuza mid-droga eroina ta' eta` tenera hafna u eventwalment dan il-vizzju hakmu tant li beda jirrikorri ghas-serq sabiex ilahhaq mieghu. Ghalkemm kien hemm drabi fejn irrikorra ghall-ghajnuna, il-motivazzjoni tieghu sabiex johrog mill-vizzju ma kinitx b'sahhitha, bir-rizultat illi ma kienx joqghod mal-pjan stabbilit. Biss hekk kif beda jiskonta piena ta' prigunerija f'Dicembru tas-sena 2012 – u ghalhekk wara r-reat mertu tal-kaz odjern - huwa ha l-opportunita` li jaghmel programm

[17] Ara r-rapport esebit a fol. 131 *et seq* tal-process.

residenzjali sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u temm il-fazi residenzjali tal-programm fi Frar 2014. Sussegwentement, huwa baqa' jzomm mal-pjan stabbilit u apparti li zamm kuntatt mal-Ufficjal tal-*Probation*, baqa' jattendi wkoll gewwa l-Agenzija Caritas u sab impjieg regolarizzat. Testijiet tal-kampjuni tal-urina li ttehdulu fl-ahhar xhur qabel gie pprezentat ir-rapport, gewwa d-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole,* irrizultaw fin-negattiv ghall-uzu tad-droga. Skont l-istess rapport, ghalkemm kien hemm drabi fejn l-imputat uza d-droga wara li ttermina l-programm, dawn kienu okkazzjonijiet sporadici u l-imputat dejjem ammetta ghal dan l-uzu. Fiz-zmien li gie redatt ir-rapport, il-pjan kien illi l-imputat jibqa' jzomm kuntatt mal-Ufficjal tal-*Probation* u jibqa' jattendi ghall-appuntamenti gewwa l-Agenzija Caritas sabiex jigi assigurat li huwa jibqa' jindirizza l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti ghalhekk tqis fid-dawl ta' dan kollu, illi m'hemmx dubju illi l-imputat ghamel progress konsiderevoli f'dan l-aspett ta' hajtu, aspett dan li kien predominanti ghal zmien twil u li wasslu sabiex ixellef difrejh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet, inkluz fil-kaz odjern u x'aktarx anke fil-kaz tas-serq aggravat li dwaru l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mieghu permezz tal-hames imputazzjoni. Il-Qorti jidhrilha illi fiz-zmien li gie redatt is-*Social Inquiry report* fil-konfront tieghu l-imputat kien qieghed jaghmel sforz sabiex jibqa' l-boghod mid-droga, sforz dan li beda l-milja tieghu billi l-imputat ghamel programm residenzjali u li huwa ssokta fih wara li hareg mill-istess programm, anke billi sab impjieg u baqa' jaghmel l-almu tieghu sabiex isegwi l-pjan ta' kura biex jibqa' jindirizza din il-problema. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda titratta mal-imputat dwar ir-reat ta' serq aggravat li tieghu huwa kien instab hati permezz tas-sentenza tal-15 ta' Mejju 2012 billi timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-minimu taghha.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, li fir-rigward taghha kif inghad izjed 'il fuq, il-Qorti hija marbuta li timponi piena ta' prigunerija effettiva, qeghdin jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, ukoll qeghda tigi imposta piena fil-minimu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b), 31, 33A u 49 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi m'hijiex qed issib lill-imputat hati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 u qeghda tilliberah minnhom, qed issibu hati tal-

ewwel u l-hames imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghall-piena ta' tliet (3) xhur prigunerija effettiva.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed titratta mal-hati dwar l-imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva li taghhom kien instab hati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi tal-15 ta' Mejju 2012 u li dwarhom kien inghata liberazzjoni kundizzjonata (ossia l-ewwel imputazzjoni f'dak il-kaz flimkien mal-addebitu tar-recidiva), daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar l-istess u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma tali htija, wara li rat l-Artikoli 20, 31, 49 u 50, 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3) u 280(2) tal-Kap. 9, qeghda tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva.

Stante li din giet irtiratha mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, erbgha u tmenin Euro u tmienja u tletin centezmu (€184.38) u l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' PC650 Justin Tabone, ammontanti ghas-somma ta' erbgha u erbghin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€44.28). B'kollox tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn, tmienja u ghoxrin Euro u sitta u sittin centezmu (€228.66)[18] u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tmintax-il xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

[18] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Mario Scerri stante illi din ma tincidi bl-ebda mod fuq il-htija tieghu.

Tigbed l-attenzjoni tal-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jibqa' l-boghod mill-vizzju tad-droga.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat